MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 103

13 ta' Novembru 2018

Minuti tas-seduta Nru. 103 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 13 ta' Novembru 2018 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 102 tat-23 ta' Ottubru 2018, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Dwal f'Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata (P/4/25)

2.1.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 6.18.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li saru tliet pilastri sabiex fil-jiem li ġejjin jitwaħħlu l-fanali ornamentali li kienu nġiebu minn Misraħ il-Parroċċa (Mellieħa).

2.1.3. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li tinbidel il-bankina ta' mal-knisja li tinsab fi Triq Dun Manwel Grima u f'Misraħ il-Parroċċa. Huwa qal li ttieħed parir dwar dan mingħand il-Perit Richard England, li huwa tal-fehma li l-pavimentar tagħha jsir tal-qawwi, flimkien ma' kurduna tal-qawwi. Kompla jgħid li fondi għal din l-inizjattiva jistgħu jittieħdu mill-vot 7502, li parti minnu kienet intiża għall-bankini ta' Triq Ġorġ Borg Olivier.

**2.2.1. Proġett – *KNOTS - Knowledge, Not Scepticism* (P/10/1/Vol IV)**

2.2.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-minuta 6.20.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fil-konferenza li seħħet f'Vila Nova de Cerveira fil-Portugal attendew biss ħames delegazzjonijiet li kienu ġejjin minn: Castiglione di Teverina (Italja); Amt Trittau (Ġermanja); Herceg Novi (Montenegro), flimkien mal-Mellieħa. Id-delegazzjonijiet minn Herrera Del Duque (Spanja); Lanskroun (Repubblika Ċeka), Siret (Rumanija), Katerini e Associazione EILD (Greċja), Wieliszew (Polonja); Deryneia (Ċipru); u minn Ivancna Gorica (Slovenja), ma attendewx. Huwa qal li ġiet diskussa l-possibiltà li l-konferenza li jmiss issir fil-Mellieħa għall-ħabta ta' Mejju 2019

2.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li mhux possibbli li l-konferenza ssir fiż-żmien indikat minħabba l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali.

**2.3.1. Skema ta' dwal ġodda fil-parti ta' fuq ta' Triq Għajn Żejtuna (E/1/3/Vol IV)**

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 5.17.1. tas-seduta ta' qabel u qal li t-twaħħil tal-arbli, il-lampi u l-*cabling* kien tlesta kollu u l-proġett wasal fi stadju li ssir applikazzjoni mal-ARMS sabiex ikun jista' jitqabbad mal-provista tal-elettriku minn Enemalta plc.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1. Premju Żagħżugħ tas-Sena 2018 (N/1/Vol II)**

2.4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-minuta 6.21.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li reġgħet ġiet imtennija n-nomina tal-Mellieħa Youth. Ir-Rev. Mario Dimech wieġeb li huwa mhux f'pożizzjoni li jirrakkomanda n-nomina ssuġġerita lilu, peress li ż-żgħażagħ li jakkumpanjawħ inbidlu f'kull żjara li saret s'issa.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1. Studju Nazzjonali fuq il-Prevalenza tan-Nuqqas ta' Smigħ fost l-Adulti (M/8/Vol VI)**

2.5.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 2.4.1. tas-seduta Nru. 96 tat-28 ta' Mejju 2018 u fakkar li l-i*screening* ippjanat li jsir mid-ditta OK Medical ser jibda fis-26 ta' Novembru u jintemm fit-30 ta' Novembru 2018 fis-Sala tal-Kunsill.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Skema ta' Restawr għall-Kunsilli Lokali (R/2/Vol III)**

2.6.2. Is-Sindku rrefer għal deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta Nru. 96 tat-28 ta' Mejju 2018, meta kien deċiż li ssir talba sabiex jiġi kkunsidrat ir-restawr tal-Knisja l-Qadima tal-Manikata. Huwa qal li din it-talba ġiet imtennija fl-2017 u fl-2018. Għarraf ukoll li fil-15 ta' Novembru 2018 saret spezzjoni tal-istess binja mill-Periti Ivana Farrugia u Claude Borg mid-Direttorat tar-Restawr.

2.6.3. Il-Kunsill innota l-informazzjoni mogħtija.

**2.7.1. Infurzar ta' *bye-laws* dwar ikkampjar u *policy* rigward tisjir fil-beraħ (B/5/Vol IV)**

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 3.1.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fil-5 ta' Novembru 2018 saret laqgħa oħra tas-Sotto-Kumitat *ad hoc* meta ġie miftiehem li l-kontenut ta' tabelli li għandhom jitwaħħlu fit-tliet żoni għall-ikkampjar. Huwa spjega li essenzjalment dan jinvolvi l-kundizzjonijiet fil-qosor, li jingħataw fil-permess dwar l-ikkampjar.

2.7.3. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li kien hemm qbil li għandha tintalab għajnuna mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi dwar l-immaniġġjar tal-postijiet in kwistjoni, kif ukoll sabiex jiġu pprovduti sit *bin-on-wheels* tal-plastik.

2.7.4. Il-Kunsill innuta l-progress li sar.

**2.8.1. Infurzar tar-regolamenti dwar l-iskart** **(W/3/Vol XI)**

2.8.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-minuta 6.12.4. tas-seduta ta' qabel u għarraf li l-uffiċjali tal-*Cleansing and Maintenance Division* u l-*LESA,* li tqabbdu bejn is-16 u s-27 ta' Ottubru 2018, irreġistraw ħames kontravvenzjonijiet fi Triq Ġorġ Borg Olivier; tnejn fi Triq il-Marfa (Ta' Ġerbulin); u waħda fi Triq il-Kbira.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1. Proġett dwar il-pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni** **(P/4/29)**

3.1.1. Il-Kunsillier J. Gauci staqsa dwar meta ser jinbeda x-xogħol fuq il-proġett imsemmi.

3.1.2. Is-Sindku wieġeb li l-kuntrattur kien għadu ma bediex peress li kienu qed jitwaħħlu *crack monitors* mal-knisja intiżi sabiex isir monitoraġġ ta' xi moviment li jista' ikun fil-binja waqt li jkun għaddej ix-xogħol fi Triq l-Inkurunazzjoni u fuq iż-żuntier. Huwa qal li l-istess kuntrattur imqabbad mill-Kunsill ser ikun inpenjat fuq il-pavimentar taż-żuntier. Peress li l-kuntrattur ser ikun mobilizzat fl-istess post iż-żewġ proġetti mistennija jitwettqu fl-istess żmien.

**3.2.1. *Bin-on-Wheels* fi Triq l-Armier** **(K/6/2/Vol V)**

3.2.2. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa dwar jekk il-*bin-on-wheels* li kien hemm fi Triq l-Armier faċċata ta' Triq Ta' Msid, hijiex ser terġa' issir.

3.2.3. Is-Sindku qal li din il-faċilità kienet qed tiġi abbużata bil-kbir, tant li riċentement anke ntremew annimali mejtin. Huwa qal li forsi jkun aħjar jekk il-*bin* jiġi pprovdut fix-xhur tas-sajf biss.

**4.1. Tqegħid ta' Karti**

- *Purchase Request Form* – 17/10/18;
- Skeda ta' Pagamenti – 29/09/18 – 17/10/18;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

**5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri**

**5.1.1. Skemi Finanzjarji – *Lifelong Learning* u Librerija Pubblici 2018/19**
**(E/3/1/5/Vol II)(L/4/Vol II)**

5.1.2. Saret referenza għall-imejl datat 2 ta' Novembru 2018, mibgħut mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar finanzjament ta' attrezzi u servizzi marbuta mal-korsijiet imsemmija. L-iskema tipprovdi għotja massima ta' €1,000. Sar ukoll aċċenn għall-iskema tal-Libreriji Pubbliċi li permezz tagħha l-Kunsill ser jingħata massimu ta' €400.

5.1.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba sabiex tiġi ffinanzjata parti mill-ispiża ħalli jinbidlu l-units tal-arja kkundizzjonata fis-sala tal-Kunsill fejn isiru il-korsijiet, u jsir ieħor għall-ewwel darba fil-librerija.

**5.2.1. Ftehim dwar l-Uffiċċju Informazzjoni għat-Turisti (A/6/7/4)**

5.2.2. Inqara imejl datat 17 ta' Ottubru 2018, fejn l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu għaddiet *addendum* sabiex jiġi mehmuż mal-ftehim li kien sar fl-2012 dwar l-uffiċċju msemmi, bil-għan li l-istess ftehim jiġi estiż għal sentejn oħra li jiskadu fl-4 ta' Diċembru 2020.

5.2.3. Il-Kunsill awtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw l-*addendum.*

**5.3.1. Tqegħid ta' opri tal-baħar fir-Ramla ta' Kejli (X/1/5)**

5.3.2. Saret referenza għal ittra datata 9 ta' Novembru 2018, mibgħuta mis-Sur Philip Grech, fejn talab li jħalli il-*yacht* tiegħu qrib ix-xatt tar-Ramla ta' Kejli, faċċata tad-daħla tar-Ramla Bay Hotel, sakemm isiru tiswijiet fuqu. Fl-istess imejl ġie allegat li l-*yacht* diġa qiegħed fuq il-post peress li l-kejn li tellgħu l-art kellu jitlaq billi t-triq kienet ser tingħalaq b'rabta ma' xogħol fi Triq ir-Ramla tal-Bir.

5.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li t-tqegħid ta' opri tal-baħar u *caravans* m'għandux jiġi ttollerat fil-post in kwistjoni, peress li din il-prattika ma tkunx tista' tiġi kkontrollata kemm-il darba jinħolqu preċedenti.

**5.4.1. Pubblikazzjoni ta' ktieb dwar il-belt Valletta (M/6/Vol V)**

5.4.2. Inqara imejl datat l-1 ta' Novembru 2018, mibgħut mill-Uffiċċju tal-President ta' Malta, fejn intqal li tnieda l-ktieb *Valletta A Baroque City Through the Ages,* li d-dħul mill-bejgħ tiegħu ser imum kollu għall-Malta Community Chest Fund Foundation. Il-prezz tiegħu huwa €80.

5.4.3. Il-Kunsill qabel max-xiri ta' ħames kotba.

**5.5.1. PC 0070/18 – Sqaq fi Triq Għajn Żejtuna (P/5/8/G)**

5.5.2. Saret referenza għall-applikazzjoni msemmija fejn l-applikant talab li tingħata l-linja ta' sqaq bi dħul minn Triq Għajn Żejtuna. L-istess sqaq huwa ntiż sabiex iservi ta' aċċess bil-vetturi għal tmien qtajja konfinanti wkoll ma' Triq iż-Żebbuġ.

5.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li:

(a) l-forma tal-isqaq jeħtieġ li tieħu in konsiderazzjoni s-servizzi li għaddejjin mill-istess art, fosthom id-drenaġġ li jista' għadhom affettwati b'Ordni ta' Infurzar EC/00503/10, maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar wara xogħol ta' skavar u tqeghid ta' katusi li sar mingħajr permess; u

(b) l-ilma tax-xita għandu jingħata d-direzzjoni lejn il-mina eżistenti għaddejja taħt Triq Għajn Żejtuna sabiex dan imur direttament fil-wied.

5.5.4. Il-Kunsill qabel ukoll li rappreżentazzjonijiet f'dan is-sens għandhom isiru mal-Awtorità tal-Ippjanar.

**5.6.1. PA 8952/18 – Żvilupp ta' art fi Triq Sant' Elena k/m Triq Franġisk Zahra (P/5/8/E)**

5.6.2. Saret referenza għall-applikazzjoni msemmija li tinvolvi l-bini ta' garaxxijiet taħt il-livell tat-triq, uffiċini, *child care centre*, erba' *maisonettes*, sitta u għoxrin appartament u tlieta oħra rtirati mill-faċċata fuq nett.

5.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-binja proposta hija tant intensiva li tħalli mpatt negattiv bit-traffiku u d-domanda għall-ipparkjar li tikkawża, partikularment biċ-*child care centre*.

Minkejja dan, kien hemm qbil li qabel isiru rappreżentazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar għandu jittieħed parir professjonali dwarha.

**5.7.1.** ***Tower Crane* fi Triq Ġorġ Borg Olivier** **(A/6/3/1 Vol 127)**

5.7.2. Sar aċċenn għal talba li mressqa mill-operatur tal-Maritim Hotel Antonin & Spa sabiex jintrama *tower crane* għal perjodu ta' sena, bejn il-lukanda u l-kunvent tas-sorrijiet.

5.7.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni, iżda talab li ssir laqgħa mal-persuna responsabbli mill-proġett qabel jintrama l-krejn in kwistjoni.

**5.8.1. Politika ta' Koeżjoni 2014-2020 – Programm Operattiv 1** **(P/10/1/Vol IV)**

5.8.2. Saret referenza għal imejl datat 17 ta' Ottubru 2018, mibgħut mill-Fondazzjoni ARKEO fejn inġibdet l-attenzjoni li tizisti possibiltà ta' finanzjament taħt il-programm imsemmi hawn fuq bil-għan li jintlaħqu ċerti għanijiet marbuta mal-*Heritage Trail* ta' Selmun, fosthom li:

- Jippromwovi il-wirt naturali u kulturali f'Selmun u l-Imġiebaħ b'mod sostenibbli;
- Jitħarsu l-ispeċi ta' siġar tal-ballut li jeżistu fl-inħawi;
- Jippromwovi l-pajsaġġ ta' Selmun u l-Imġiebaħ li huwa rikk fil-wirt naturali u kulturali, tant li huwa parti minn sit Natura 2000 (MT0000021); u
- Biex ikun hemm investiment f'turiżmu sostenibbli permezz ta' ċentru ta' viżitaturi fl-Irżieżet ta' Selmun.

5.8.3. Is-Sindku qal li diġa nbdew kuntatti mal-MEUSAC dwar il-vijabilità ta' din l-iniżjattiva.

**5.9.1. Kiri ta' vettura *double cab pickup*** **(V/3)**

5.9.2. Is-Segretarju rrefera għat-tliet sejħiet għall-offerti li saru sabiex jinkiseb is-servizz imsemmi. Huwa fakkar li fil-każ tas-Sejħa MLC 3/2018 kien hemm erba' offerti li wara l-evalwazzjoni li saret instab li ma kienux konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. Meta saru s-sejħiet MLC 6/2018 u MLC 9/2018, ma kien hemm ebda rispons, minkejja li l-livell ta' emissjonijiet tnaqqas bil-permess tal-Green Public Procurement Office. Fid-dawl ta' dan, is-Segretarju spjega li ma baqax triq oħra ħlief li jinkiseb il-permess mill-awtoritajiet kompetenti sabiex dan is-servizz jiġi akkwistat permezz ta' *direct order,* skont kif provdut fl-Att dwar Kunsilli Lokali, ir-Regolamenti Finanzjarji (Kunsilli Lokali), ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali u l-Linji Gwida dwar l-Akkwist, u *Public Procurement Note* Nru. 32 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti fid-19 ta' Gunju 2017.

5.9.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa fil-minuta preċedenti.

**5.10.1. Ftehim dwar il-ħaddiema assenjati mid-District Operations Ltd**
**(E/3/6/Vol II)**

5.10.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li b'riżultat ta' diskussjonijiet li kien hemm mad-diriġenti tad-District Operations Ltd u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. ġew identifikati l-problemi, jew in-nuqqas ta' struttura li l-Kunsilli Lokali qed jaffaċjaw biex jimmaniġjaw lill-ħaddiema f'din l-iskema. Ġie mfassal ftehim bil-għan li jġib uniformita' fl-operat kif ukoll jiggarantixxi serħan il-moħħ kemm lill-Kunsill kif ukoll lill-ħaddiem. L-istess ftehim ġie mressaq għall-approvazzjoni waqt laqgħa li ssejħet fil-31 ta' Ottubru 2018.

5.10.3. Fil-laqgħa msemmija deher li kien hemm *consensus* dwar il-ftehim il-ġdid wara li l-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali spjega li l-Kundizzjonijiet jaqblu magħhom ma' Jobsplus. Ġie spjegat ukoll li dawn huma ntiżi sabiex jagħtu aktar saħħa lill-Kunsilli Lokali, filwaqt li jittieħed il-massimu mill-ħin tal-ħaddiema nvoluti.

5.10.4. Għal-laqgħa attendiet il-Kunsilliera A. Brincat Stellini u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-ftehim.

## 5.11.1. *Memorandum of understanding* dwar il-bereġ (M/8/Vol V)

5.11.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li f'laqgħa msejħa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fil-31 ta' Ottubru 2018, ġie spjegat *memorandum of understanding* li tfassal wara kuntatti li saru mal-mad-Dipartiment tas-Saħħa u l-Kura Primarja, biex il-Bereġ jkunu mmexxija mill-Kunsilli Lokali fuq qafas stabbilit bil-għan li jiġu evitati l-problemi li l-istess Kunsilli eventwalment jista' jkollhom, kif ukoll jissaħħaħ is-servizz offrut.

5.11.3. Is-Segretarju spjega li t-test tal-ftehim jappella għall-dawk il-bereġ li jinsabu parti mill-uffiċini tal-Kunsilli Lokali u għalhekk fil-każ tal-Mellieħa jeħtieġ li jkun addattat għal berġa li tinsab f'bini amministrat mid-Dipartiment tal-Anzjani u Kura fil-Komunità u l-privat, bil-kunċett ta' *public private partnership*.

5.11.4. Għal-laqgħa attendiet il-Kunsilliera A. Brincat Stellini u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.12.1. Integrazzjoni Soċjali fil-lokalità (I/3)

5.12.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li f'laqgħa msejħa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fil-31 ta' Ottubru 2018 tħabbar li l-Assoċjazzjoni flimkien mad-Dipartiment tal-Integrazzjoni identifikati possibilitajiet ta' kif il-Kunsilli jistgħu jsaħħu s-servizzi offruti u jkun hemm integrazzjoni aħjar ta' kulturi differentii fil-lokalitajiet rispettivi. Ġie spjegat li d-diffikulatjiet, kif ukoll l-isfidi li l-Kunsilli qed jiltaqgħu magħhom huma reali u għaldaqstant id-Dipartiment tal-Integrazzjoni qed ifassal *Local Integration Charter* bil-għan li jgħin lill-Kunsilli jaffaċċjaw din is-sitwazzjoni billi l-attivitajiet ta' kull xorta li jorganizzaw ikunu nklussivi.

5.12.3. Għal-laqgħa attendew ukoll il-Kunsilliera A. Brincat Stellini u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.13.1. *Bus stop* – Etna – fi Triq il-Kbira (T/5/1/Vol II)

5.13.2. Saret referenza għal ittra datata 22 ta' Ottubru 2018, mibgħuta minn mis-Sinjuri John u Mary Vella, illi talbu li l-*bus stop* imsemmi jerġa' jmur fejn kien oriġinarjament aktar 'il fuq fil-kantuniera ma' Triq tas-Salib.

5.13.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li spusstjar tal-*bus stop* ċertament illi jqajjem reazzjoni minn residenti oħra u għalhekk kien miftieħem li għandha ssir laqgħa mal-koppja Vella sabiex jiġi spjegat dan.

## 5.14.1. Restawr u attrezzar tal-Batterija ta' Westreme (P/10/30)

5.14.2. Is-Segretarju għarraf li nħarġu żewġ sejħiet għall-offerti – waħda intiża għar-restawr tal-batterija minn barra (MLC 10/2018) u oħra sabiex jiġi attezzat il-mużew tat-tunnara minn ġewwa (MLC 9/2018).

5.14.3. Is-Sur C. Debono ppropona li ssir talba lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex jiġu rkuprati 85% tal-20% kofinanzjament li jrid jidħol għalih il-Kunsill fuq l-ispiża totali.

5.14.4. Is-Sindku fakkar li s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Fondi Ewropej u Djalogu Soċjali – l-Onor. Aaron Farrugia – ser jagħti konferenza stampa fil-Batterija ta' Westreme fl-14 ta' Novembru 2018.

**5.15.1. Skema Finanzjarja favur il-Komunità – Ħajja aħjar permezz ta' l-Eżerċizzju Fiżiku (S/4/2/Vol III)**

5.15.2. Saret referenza għal Ċirkulari SPI 12/2018 tat-2 ta' Novembru 2018, dwar is-suġġett t'hawn fuq. Ġie spjegat li l-iskema għandha l-għan li tħeġġeġ l-eżerċizzju fiżiku permezz ta' diversi programmi speċifiċi, sports u attivitajiet oħra. Din l-iskema tiffinanzja 85% tal-ispiża sa massimu ta' €3,000 (inkluża l-VAT) u tista' tinvolvi:

- Programmi ta' eżerċizzju fiżiku *(aerobics, zumba,* arti marzjali, eċċ)
- Attivitajiet sportivi *(football,* għawm, ċikliżmu), ġiri, mixi, eċċ)
- Programmi ta' eżerċizzju fiżiku għall-anzjani *(yoga, Pilates,* żfin, eċċ)
- Programmi ta' eżerċizzju fiżiku għat-tfal *(walking bus,* passju, qbiż tal-ħabel, eċċ)
- Programmi għaż-żgħażagħ *(gymnastics, athletics, hip-hop,* eċċ)
- Attivitajiet għal persuni bi bżonnijiet speċjali
- Attivitajiet għall-familja
- Apparat għall-*open gyms.*

5.15.3. Ir-rekwiżiti għall-din l-iskema huma:

- Applikazzjonijiet li jinkludu programm dettaljat bi pjan u skedi tal-attivitajiet;
- Programm li jħeġġeġ lill-anzjani u persuni vulnerabbli biex jibqgħu attivi;
- Apparat ta' eżerċizzju f'zoni pubbliċi li jista' jintuża minn kulħadd;
- Programm speċifiku li jikkumplimenta l-Istrateġiji Nazzjonali favur is-Saħħa;
- Attivitajiet li jikontribwixxu għas-saħħa mentali u ħajja aħjar;
- Attivitajiet li fihom jistgħu jipparteċipaw il-familja kollha; u
- Proposti innovattivi

5.15.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-attivitajiet illi jidhru hawn taħt huma eliġibbli u għalhekk għandha tiġi sottomessa applikazzjoni għab-bażi tagħhom:

(a) Il-korsijiet kollha li jinvolvu eżerċizzju fiżiku (dawk li jsiru fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum, zumba, *line dancing* eċċ), ;

(b) L-organizzazzjoni ta' *Walking Buses* għat-tfal tal-iskola tal-Mellieħa, billi grupp ta' tfal jintalbu jistennew f'postijiet residenzjali, fejn imbagħad jiġi pulizija/uffiċjali tal-komunità biex jakkompanjahom waqt li jimxu lejn l-iskola. Din tinvolvi l-ispejjeż tal-Pulizija u l-Uffiċjal tal-Komunità. Inizjattiva bħal din tista' titwettaq minn postijiet differenti bil-għan li t-tfal jidraw jimxu fejn id-distanzi mhumiex twal ħafna jevitaw l-użu tal-vetturi. B'dan il-mod jitnaqqsu l-emissjonijiet u tonqos il-konġestjoni fejn l-iskola. L-attività tkun tista' tiġi addottata mill-ġenituri; u

(c) Isir passju mal-art fi Ġnien il-Qigħan permezz ta' *rubberized flooring*.

**5.16.1. *Resilient Community Project* (C/3/2/Vol II)**

5.16.2. Is-Sindku għarraf li l-aħħar seminar tal-proġett imsemmi ser isir fis-17 ta' Novembru 2018 fir-Ramla Bay Hotel fl-9.45am. Dan ser jitratta r-riżultat ta' sontagg li sar fost il-komunità kummerċjali tal-Mellieħa.

5.16.3. Ittieħdet nota ta' dan l-appuntament.

**5.17.1. *Euromed International Sailing Championships* (S/6/Vol IV)**

5.17.2. Saret referenza għal imejl datat 9 ta' Novembru 2018 mibgħut mill-President tal-Malta Sailing Federation, li għarraf li bejn s-19 u t-22 ta' Diċembru 2018 ser issir edizzjoni oħra tal-*Euromed International Sailing Championships* fil-Bajja tal-Mellieħa, bis-sehem ta' madwar 400 kompetitur minn sittax-il pajjiż differenti. Sar appell sabiex il-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment.

5.17.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-involviment tiegħu f'din il-kompetizzjoni m'għandux jaqbeż €300, kif ukoll ma' sabx oġġezzjoni li tintuża r-ramla u l-parkeġġ li hemm bejn il-Costa del Sol Lido u l-Mellieħa Bay Hotel għal dan l-avveniment.

**5.18.1. *EGEA Malta's Scientific Congress 2019*** **(S/6/Vol IV)**

5.18.2. Is-Sindku aċċenna għal imejl datat 13 ta' Novembru 2018 mill-*European Geography Association for Students and Young Geographers*, fejn intqal li bejn l-14 u d-19 ta' April 2019 ser ikun hawn studenti Maltin u barranin li jiġbru *data* mil-lokalità tal-Mellieħa dwar il-geomorfoloġija, pjanti endemiċi u l-biodiversità. Bejn is-16 u s-17 ta' April ser ikun hemm l-EGEA Malta's Scientific Congress 2019 li ser jittratta l-immaniġġjar ta' żoni marittimi u l-kosta u l-konflitt bejn l-ekonomija u s-soċjetà. EGEA Malta appellaw għas-sapport finanzjarju mill-Kunsill bħala wieħed mill-benefiċċjarji ta' din l-inizjattiv.

5.18.3. Il-Kunsill qabel li jissieħeb f'din l-inizjattiva sakemm l-involviment finanzjarju tiegħu ma jaqbisx €250.

**5.19.1. Sistemi ta' *one-way* fit-triq tal-Wied ta' Rdum u f'Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata** **(T/3/2/Vol XV)**

5.19.2. Is-Sur J. Buttigieg irrefera għad-diskussjoni li kien hemm fuq il-materji msemmija hawn fuq fis-Seduta Nru. 97 tat-18 ta' Ġunju 2018. Huwa għarraf li l-proposta ta' Misraħ il-Parroċċa ġiet approvata mill-Bord tat-Traffiku fi ħdan Transport Malta, filwaqt li dik tal-Wied ta' Rdum ma ntlaqgħetx minħabba li l-*junction* ma' Triq il-Mellieħa ġiet meqjuża perikoluża.

5.19.3. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir laqgħa għar-residenti tal-Manikata fis-16 ta' Novembru 2018 fis-Sala Parrokkjali sabiex tiġi spjegata l-iskema li ġiet approvata.

5.19.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.20.1. *European Week for Waste Reduction*** **(T/4/6/Vol V)**

5.20.2. Il-Viċi Sindku D. Vella rrefera għal imejl datat 9 ta' Novembru 2018, fejn Wasteserv (Malta) Ltd talbu lill-Kunsill permess sabiex il-karozza tal-linja użata fil-programm ta' TVM "Bonġu Bus" tiġi pparkjata quddiem il-Knisja Parrokkjali fit-22 ta' Novembru 2018 mis-6.30am sal-11.00am.

5.20.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

5.20.4. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għal imejl datat 13 ta' Novembru 2018 fejn l-ALP Secondary and Post Secondary School talbu li jagħmlu tindif fil-Bajja tal-Mixquqa fit-22 ta' Novembru 2018. Huma talbu lill-Kunsill sabiex jipprovdilhom ingwanti u boroż lit-tletin persuna li ser jieħdu sehem.

5.20.5. Is-Sur J. Azzopardi aċċenna wkoll li membri ta' Birdlife Malta ser ikunu qed jagħmlu tindif simili qrib il-Proġett Garnija qrib il-Ponta tal-Aħrax fil-25 ta' Novembru 2018 bejn l-10.00am u s-1.00pm.

5.20.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.21.1. Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ** **(A/5/5/Vol IV)**

5.21.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li l-edizzjoni tal-2019 tal-attività msemmija ssir nhar l-Erbgħa 19 ta' Ġunju 2019.

5.21.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.22.1. *Dog Parks* u *Cat Cafes*** **(A/9)**

5.22.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li l-Gvern Ċentrali alloka fondi lid-Dipartiment tal-*Animal Welfare* sabiex jiġu pprovduti l-faċilitajiet imsemmija fil-lokalitajiet fejn jintwera interess.

5.22.3. Kien hemm qbil li għandu jinkiseb aktar tagħrif dwar din il-materja[CD1][CD2].

## 5.23.1. Sistema tad-Drenaġġ f'Santa Marija Estate (D/1/Vol II)

5.23.2. Il-Kunsillier J. Gauci għarraf li l-Għaqda ta' Santa Marija Estate talbet laqgħa mal-Kap Eżekuttiv tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma – l-Inġ. Stefan Riolo – dwar iż-żieda ta' *main* ġdid tad-drenaġġ li ser jitqabbad mas-sistema eżistenti biex jaqdi il-*boathouses* li hemm biswit ix-Xatt ta' Santa Marija. L-għaqda wriet it-tħassib tagħha peress li diversi tappieri fi Triq Għajn Żejtuna u fix-Xatt ta' Santa Marija jitilgħu meta tagħmel ix-xita. Mill-istess laqgħa rriżulta li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma mhux ser tibqa' tagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq *mains* li għaddejjin minn proprjetà privata ġewwa l-Estate. Is-Sur J. Gauci qal li l-Kunsill għandu jkompli jiġbed l-attenzjoni dwar il-problemi memmija billi jlaqqa' flimkien rappreżentanti mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, Transport Malta, Cenmed Ltd, u l-Kunsill Lokali.

5.23.3. Il-Kunsill innota tagħrif mogħti.

## 5.24.1. Kompetizzjoni tas-*snooker* organizzata mill-Kunsill (S/4/2/Vol III)

5.24.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li l-ewwel laqgħa dwar il-kompetizzjoni 2019 ser issir fit-12 ta' Diċembru 2018

5.24.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.25.1. Nuqqas ta' dawl fi Sqaq Nru. 1 fi Triq il-Muna (E/1/3Vol IV)

5.25.2. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa nġibditlu l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jsiru dwal fi Sqaq Nru. 1 fi Triq il-Muna.

5.25.3. Is-Sindku kkummenta li teżisti problema, peress li l-ħitan huma baxxi u għalhekk wieħed jista' biss jikkunsidra li jsir arblu *whip type*, li minn naħa l-oħra jista' jqanqal l-ilmenti mir-residenti tal-madwar minħabba l-inkonvenjent li jista' jiġi kkawżat b'dawl qawwi.

## 5.26.1. Xifer perikoluż f'Tal-Prajjet (T/3/2/Vol XV)

5.26.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni dwar il-periklu li jeżist fuq ix-xifer li hemm qrib fl-inħawi tal-Prajjet.

5.26.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jitwaħħlu tabelli bil-kliem *"Do not go beyond this point – Tmurx lill'hinn minn dan il-post"*.

## 5.27.1. Ċimiterji fil-lokalità (C/7)

5.27.2. Il-Kunsillier J. Attard qal li huwa żar Ċimiterju Omm il-Ħniena u Ċimiterju Sultana tal-Vittorji hekk kif beda x-xahar ta' Novembru u sabhom fi stat tajjeb ta' indafa.

5.27.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.28.1. Jum Dinji tad-Dijabete (K/11)

5.28.2. Il-Kunsillier J. Attard aċċenna li l-14 ta' Novembru jaħbat il-Jum Dinji tad-Dijabete. Huwa ppropona li l-għarfien dwar din il-kundizzjoni għandu jiġi aċċentwat billi tinxtegħel il-faċċata tal-uffiċċju tal-Kunsill bil-kulur ikħal.

5.28.3. Il-Kunsill laqa' l-proposta.

**5.29.1. Parteċipazzjoni fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2018 (F/5)**

5.29.2. Il-Viċi Sindku D. Vella rrefera għall-parteċipazzjoni tal-Kunsill fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb li sar bejn is-7 u t-11 ta' Novembru 2018 f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi fil-Belt Valletta. Huwa ppropona li tintbagħat nota ta' ringrazzjament lis-Sinjuri Clifford Vella; Stella Muscat u Jonathan Muscat li b'mod volontarju għamlu din il-parteċipazzjoni possibbli.

5.29.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**5.30.1. Sessjonijiet tat-Thai Chi fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (E/3/1/11/Vol II)**

5.30.2. Il-Kunsillier J. Attard aċċenna għal imejl datat 13 ta' Novembru 2018, mibgħut mid-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, fejn sar appell lill-Kunsill sabiex jinxtraw T-Shirts bil-kliem stampati fuqhom "Thai Chi Group" għall-persuni li jattendu s-sessjonijiet imsemmija.

5.30.3. Il-Kunsill approva t-talba.

**5.31.1. Impjieg ta' uffiċjal fis-Segretarjat tal-Kunsill (P/7/1/Vol VIII)**

5.31.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat li waħda mill-impjegati fis-segretarjat tal-Kunsill ser tkun bil-*leave* tat-tqala, filwaqt li huwa evidenti li x-xogħol qiegħed kulma jmur jiżdied. Hija għalhekk ipproponiet li titqabbad persuna oħra.

5.31.3. Is-Segretarju spjega li l-Artiklu 52 tal-Att Dwar Kunsilli Lokali jistipula li jkun hemm impjegat għal kull 2,500 persuna residenti fil-lokalità, li skont l-aħħar statistika ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tad-19 ta' Ottubru 2018, din tlaħħaq 10,868. Dan jagħmilha possibbli li l-Kunsill jimpjega erba' persuni. Huwa aċċenna wkoll li, permezz ta' ittra datata 16 ta' Settembru 2009, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien ta permess sabiex tiġi mpjegata persuna oħra fuq il-limitu li timponi l-liġi, meta dakinhar il-popolazzjoni kienet tlaħħaq 8,100. Bil-popolazzjoni attwali l-liġi tagħti dritt li l-Kunsill jimpjega erba' persuni, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur C. Debono spjega li kemm-il darba ssir talba lid-Dipartment, din issir għab-bażi taż-żieda fil-popolazzjoni.

5.31.4. Il-Kunsill approva l-proposti skont il-minuti 5.31.2. u 5.31.3. u ddeċieda li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jiġi mpjegat uffiċjal fi Skala 15.

**5.32.1. Għoti ta' onorefiċenza (A/5/3/1/Vol XVI)**

5.32.2. Is-Segretarju Eżekuttiv talab li jiġi skużat waqt din il-parti tas-seduta minħabba s-suġġett li tittratta. Is-Sindku rreġistra l-minuti dwar dan l-*item* u ressaq il-mozzjoni segwenti:

***"Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-23 ta' Awissu 1999, twaqqfet l-onorefiċenza ta' "Ġieħ il-Mellieħa" sabiex tingħata lil dawk il-persuni jew organizzazzjonijiet li jkunu iddistingwew rwieħhom b'eċċellenza f'xi qasam li permezz tagħhom kienu ta' eżempju għal ħaddieħor, jew għollew l-isem tal-lokalita`;***

***Billi s-Sur Carmel Debono ssodisfa l-kriterji stabbiliti, permezz tal-ħidma tiegħu bħala Segretarju Eżekuttiv fuq medda ta' ħamsa u għoxrin sena.***

***Il-Kunsill jirriżolvi li l-onorefiċenza "Ġieħ il-Mellieħa" għandha tingħata lis-Sur Debono fis-serata li tfakkar il-ħamsa u għoxrin sena mit-twaqqif tal-Gvern Lokali fil-Mellieħa, li ser isseħħ fid-9 ta' Diċembru 2018.".***

5.32.3. Il-Kunsill approva l-mozzjoni b'mod unanimu, wara li din ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 6.1. Parkeġġ parti mill-estensjoni tal-Iskola Primarja (S/3/1/1)

6.2. Is-Sindku aċċenna li saret laqgħa maċ-Chairman is-Sur Michael Sant u l-Kap Eżekuttiv is-Sur Mario Gafà, tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada fil-25 ta' Ottubru 2018, fejn ġew murija l-pjanti tal-parkeġġ b'erba' livelli addizzjonali, flimkien mal-mina pedonali li tiżbokka fil-parti t'isfel ta' Triq il-Madonna ta' Fatima. Jidher li minn naħa tal-Fondazzjoni hemm qbil fil-prinċipju mal-ideja, għalkemm irid jiġi stabbilit sors ta' finanzjament sabiex jagħmel tajjeb għall-erba' sulari addizzjonali u l-mina. Għall-istess laqgħa attendew il-Kunsillieri E. Bartolo, A. Brincat Stellini, il-Periti Joseph Attard u Jessica Sammut u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

6.3. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid fit-13 ta' Novembru 2018 saret laqgħa mal-Perit Frans Mallia tal-Awtorità tal-Ippjanar, fejn wkoll intwera interess fl-iffinanzjar tal-proġett mill-Fond tal-Iżvilupp u sorsi oħra amministrati mill-istess awtorità. Dan għaliex l-ideja taqbel perfettament mal-għanijiet tal-fond. Kien miftiehem li l-Kunsill għandu jagħmel rappreżentazzjonijiet dwar dan il-proġett bil-kitba, kif ukoll jgħaddi kopja diġitali tal-pjanti relattivi.

6.4. Is-Sindku qal li skont stima preliminari li saret mill-Fondazzjoni, din tlaħħaq madwar €3 miljun u l-uniku sorsa ta' finanzjament li huwa qed jara f'dan l-istadju huwa l-Fond tal-Ippjanar. Dan jista' jiġi mblukkat għal numru ta' snin, jew sakemm jitħallas il-bilanċ. Is-Sur J. Buttigieg għarraf ukoll li ntalab appuntament mal-Ministru tat-Trasport u Proġetti Kapitali l-Onor. Ian Borg.

6.5. Il-Kunsillier P. Cutajar qal li biex il-flus li jidderkorru fil-Fond tal-Ipppjanar ma jkunux kommessi fuq medda twila ta' snin, il-ministeri tal-Edukazzjoni jew tat-Trasport għandhom jerfgħu parti mill-ispiża. Għaldaqstant huwa ppropona li l-Fond tal-Ippjanar għandu jkun imblukkat fuq il-proġett għall-perjodu ta' mhux iżjed minn tliet snin.

6.6. Il-Kunsillier H. Fenech ikkummenta li l-Fond tal-Ippjanar m'għandux ikun kommess għal iktar minn ħames snin.

6.7. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li kemm-il darba l-Awtorità tal-Ippjanar tintalab timblokka l-Fond tal-Ippjanar minn issa, il-Kunsill ikun qiegħed ifaddal għal dan il-proġett u allura jista' jagħti l-fatt li ma jkunx hemm ħtieġa ta' ħames snin biex l-ispiża tiġi rkuprata kollha minnu. Huwa kkummenta wkoll li din hija opportunità li għandha tittieħed biex jiġu eliminati l-problemi ta' konġestjoni fit-toroq ewlenin.

6.8. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li huwa mportanti li jiġi ffissat terminu ta' żmien, għar-raġuni li kemm-il darba l-Awtorità tara li ma jkunux qed jintefqu flus mill-Fond tal-Ippjanar, dawn jistgħu jittieħdu. Apparti dan, il-flus jistgħu jingħataw lil xi entità oħra.

6.9. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li permezz tal-kuntatti li għandhom jsiru mal-ministeri kkonċernati jeħtieġ jiġi stabbilit liema entità governattiva/finanzjarja li inizjalment tagħmel tajjeb għal din l-ispiża. Għandha tiġi stabbilita wkoll jekk l-entità li ser tmexxi l-parkeġġ li ser ikollha introjtu minnu għandhiex terfa parti mill-ispiża. Minn naħa l-oħra, il-bilanċ għandu jitħallas gradwalment mill-fondi li jkun hemm fil-Fond tal-Ippjanar, billi dan jiġi mblukkat għal perjodu massimu ta' tliet snin, jew sakemm jitħallas il-bilanċ, skont liema jiġi l-ewwel.

## 7.1. Tħejjijiet għall-attivajiet tal-25 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill (A/5/3/8)

7.2. Is-Sindku għarraf li s-serata meta ser issir l-ewwel rappreżentazzjoni tal-*musical* "Naħal tal-Imħabba" ser tkun taħt il-patroċinju tas-Sur Joseph Borg li kien l-ewwel Sindku tal-Mellieħa. Is-Sur Borg aċċetta bi pjaċir din l-istedina. Il-Kunsill innota dan it-tagħrif u qabel li bħala tifkira tal-okkażjoni għandu jiġi ppreżentat il-ktieb *"Valletta A Baroque City Through the Ages"*.

7.3. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi ppreżentata s-CD tal-*musical* lil kull min ingħata invit għas-serata tat-8 ta' Diċembru. Kien hemm qbil ukoll li s-serata tkun ippreżentata minn *compere*.

7.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-attivitajiet li ser jorganizzaw l-għaqdiet tal-Mellieħa li ser ikunu kif ġej:

| | |
|---|---|
| 18/11/2018 – 10.30am | Jum it-Tfal organizzat flimkien mal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina fis-sede tal-istess għaqda. |
| 18/11/2018 – 06.30pm | Kunċert mill-Għaqda Imperial f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa |
| 25/11/2018 – 10.30am | Tħawwil ta' siġar fi Triq l-Erwieħ organizzat miċ-Ċentru Laburista |
| 01/12/2018 – 07.30pm | Kunċert mis-Soċietà Filarmonica La Vittoria fis-Seabank Hotel |
| 13/12/2018 – 05.30pm | Quddiesa u wirja fis-Sala tal-Partit Nazzjonalista. Il-wirja tibqa' miftuħa sat-30 ta' Diċembru 2018. |

7.5. Is-Sur J. Buttigieg għarraf li huwa, flimkien mal-Kunsillieri E. Bartolo u A. Brincat Stellini u s-Segretarju Eżekuttiv ltaqgħu mas-Sinjuri Twanny Darmanin u Anthony Valletta mill-Art Club 2000, dwar id-disinn tal-mafkar tal-25 Anniversarju. Wara l-laqgħa, is-Sur Darmanin ippreżenta numru ta' disinji li ġew murija waqt is-seduta. Il-Kunsill għażel wieħed minnhom sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol fuqu.

7.6. Kien miftiehem li fl-4 ta' Diċembru għandha ssir laqgħa informali tal-Kunsill sabiex jiġu diskussi l-aħħar dettalji qabel jittellgħa l-*musical*.

## 8.1. Andament dwar is-servizz tal-ġbir tal-iskart domestiku (T/4/15)

8.2. Inġibdet l-attenzjoni għal-imejl datat 7 ta' Novembru 2018, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn intqal li l-iskedi dwar il-ġbir tal-iskart approvati mill-Kunsilli Lokali ġew mgħoddija lill-Ministeru tal-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima u lill-WasteServ qabel dawn ġew ppubblikati flimkien mar-Regolamenti dwar l-Iskart (S.L.549.40). Fl-istess imejl intqal li kemm-il darba l-Kunsilli Lokali jidhrilhom li għandhom jagħmlu tibdil f'dawn l-iskedi, jeħtieġ li dan isir permezz ta' avviż legali li joħroġ skont il-proċedura stabblita bl-involviment tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, flimkien mal-Ministeru u l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali.

8.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li f'postijiet rurali u fiż-żoni tal-*boathouses* li huma moqdija bl-i*skips*, mhux qed isir ġbir ta' skart separat.

8.4. Is-Sur J. Buttigieg ikkummenta li xi residenti qed jilmentaw li nhar ta' Tnejn, meta jinġabar l-iskart imħallat fil-borża s-sewda u l-organiku fil-borża l-bajda, il-kuntrattur xorta qed iħallat kollox. Huwa qal li din l-impressjoni mhijiex korretta għaliex wieħed mill-iscammels tal-kuntrattur huwa maqsum f'żewġ kompartamenti. Idejalment l-iscammels ikunu kollha ta' dan it-tip għaliex il-ġbir isir f'darba.

8.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li attwalment ir-Reġjun Tramuntana qed jiddiskuti x'ser jiġri fir-rigward tal-iskart kummerċjali li jiġġeneraw il-lukandi u stabbilimenti oħra li jservu l-ikel. Huwa qal li sa issa dan l-iskart għadu mhux affettwat mit-tibdil li daħal fis-seħħ fil-31 ta' Ottubru 2018 fir-rigward tal-iskart domentiku.

8.6. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna li fil-jiem li ġejjin il-Wasteserv ser tqassam erba' *bins* oħra li l-iskop tagħhom huwa li jiġi sseparat l-iskart kif ġej:

- Iswed -> Skart Imħallat;
- Abjad -> Skart Sanitarju, ħmieġ tal-*pets* u ħrieqi;

- o Kannella -> Ħġieġ biss; u
- o Aħdar -> Skart Riċiklabbli.

Is-Sur Azzopardi pppropona li dawn jitqassmu minn: Misraħ il-Parroċċa (Manikata); Misraħ il-Parroċċa (Mellieħa); u Triq l-Iżbark tal-Franċiżi.

8.7. Is-Sindku aċċenna għan-nuqqas minn naħa ta' Green MT Ltd fil-provista ta' boroż griżi għall-iskart riċikklabbli. Is-Sur J. Buttigieg qal li dan qed jikkawża lmenti minn naħa tar-residenti u għalhekk il-Kunsill għandu jipprovdihom għas-spejjeż tiegħu sakemm jiskadi l-ftehim mal-iskema msemmija f'Jannar 2019.

8.8. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 8.7. u għalhekk iddeċieda li għandhom jintalbu stimi mingħand fornituri differenti.

## 9.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

9.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 9 ta' Novembru 2018.

9.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

9.4. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn is-26 ta' Settembru u t-22 ta' Ottubru 2018.

9.5. Tressqet ukoll, b'mod separat, skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-29 ta' Settembru u s-17 ta' Ottubru 2018.

9.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fl-iskeda msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Quarterly-Financial-Reports.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn dawk preżenti, is-seduta spiċċat fil-23.15 pm u ġiet aġġornata għall-nhar it-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2018 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**